



Dokument ta' sessjoni

B9-0150/2021

10.2.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-proposta biex jiġi stabbilit "Jum it-Tifkira" fil-livell Ewropew għall-kommemorazzjoni tal-vittmi tal-massakru tal-foibe

Susanna Ceccardi, Marco Dreosto, Elena Lizzi, Marco Campomenosi, Adinolfi Matteo, Mara Bizzotto, Isabella Tovaglieri, Gianantonio Da Re, Stefania Zambelli, Luisa Regimenti, Vincenzo Sofo, Silvia Sardone, Anna Bonfrisco, Alessandro Panza, Francesca Donato, Rosanna Conte, Antonio Rinaldi, Lucia Vuolo, Alessandra Basso

B9-0150/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta biex jiġi stabbilit "Jum it-Tifkira" fil-livell Ewropew għall-kommemorazzjoni tal-vittmi tal-massakru tal-foibe

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-UE fost l-impenji prijoritarji tagħha telenka l-paċi, ir-rikonċiljazzjoni tal-popli u tal-istorja tagħhom, fir-rispett tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem;
- B. billi jifakkar li l-popolazzjoni Taljana tal-Venezia Giulia, tal-Istrija u tad-Dalmazja, bejn it-Tieni Gwerra Dinjija u ż-żmien immedjatament wara l-gwerra, kellha ġġarrab, mill-Kumitati Popolari ta' Liberazzjoni Jugoslavi, vjolenzi u persekuzzjonijiet li kkawżaw il-mewt ta' aktar minn 10 000 Taljan u Taljana innoċenti;
- C. billi għal ħafna snin din il-paġna traġika tal-istorja baqgħet mistura u b'hekk id-dinja ma tħallietx tkun taf din il-ġrajja drammatika li sfortunatament ħalliet marka fl-istorja reċenti tal-Ewropa;
- D. billi fid-19 ta' Settembru 2019 il-Parlament Ewropew esprima ruħu friżoluzzjoni dwar id-delitti tal-Komuniżmu, u qieshom pariġġ daqs dawk ta' kwalunkwe totalitariżmu ieħor;
1. Iqis li jkun opportun li jiġi stabbilit fil-livell Ewropew "Jum it-Tifkira", billi jiġu promossi inizjattivi edukattivi u ta' interess storiku u dokumentarju bil-għan li tinżamm u tiġġedded il-memorja tat-traġedja tat-Taljani u tal-vittmi kollha tal-foibe, u tal-eżodu tal-Istrijani, taċ-ċittadini ta' Fiume u tad-Dalmati.